# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' April tas-sena 2001.**

**Numru 16**

**Avviz numru 170/01/SM**

**Mario Muscat**

**vs**

**Paul Abdilla**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u erbgha u sittin liri Maltin (LM446.00,0) import ta' hdax (11) il-kambjala li skadew rispettivament fid-disgha u ghoxrin (29) gurnata ta' kull xahar bejn id-29 ta' April, 2000 u d-29 ta' Frar, 2001, inklusivament il-kopji taghhom qeghdin jigu annessi u immarkati bhala Dok. A sa K;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Novembru, 2000, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-27 ta' Marzu tas-sena 2001 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**